# Smigħ Tikka Malti 3a (ISBN 978999091929-5)

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/podcasts/tikkamalti-3a/**

## Taqsima 1: Min Jien? Fejn noqgħod?

*Paġna 7*

Bonġu. X'raqda dik ħej! Jiena Bettina Brown. Għandi tmien snin. Xagħri isfar u mġiegħed: la lixx u lanqas nokkli. Għajnejja kannella ċari. Id-dar tiegħi hija l-karavan. Fih noqogħdu jiena, il-mamà, il-papà u oħti Petra. Petra naqra iqsar minni, għandha xagħarha isfar, u għajnejha kannella skuri. Fil-karavan għandna kċina, mejda u erba' siġġijiet. F'rokna tal-karavan hemm sodda għalija u għal Petra u f'parti oħra hemm sodda oħra għall-ġenituri. Jien inħobb inpinġi u naqra. Inħobb ukoll is-somom li jagħtini naħdem il-papà. Aħna dejjem nivvjaġġaw. Bħalissa qegħdin fil-kampanja. Jekk trid, xi darba nistiednek tiġi għandi. Xi tgħid?

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Dwar xiex inhi din is-silta?
2. Iddeskrivi fejn toqgħod Bettina.
3. X'inhi l-iktar ħaġa li timpressjonak f'din is-silta?
4. Kieku jkollok tmur għand Bettina, tmur? Għaliex?

*Paġna 15*

**Ġulinu l-ġurdien**

Ej! Jiena Ġulinu l-ġurdien. Tagħrafni għax griż bi mnieħri roża. Għandi għaxar snin u noqgħod ġo toqba fid-dar tal-kantuniera. Inħobb ħafna l-ġobon u ċ-ċirasa. Meta ma nkunx qed niekol, inkun qed naħdem. Inħobb nieħu ħsieb id-dar. Ilbieraħ kelli x'nagħmel iktar mis-soltu. Waslet kamra tas-sodda ġdida. Fuq il-komodina poġġejt ir-radju u ftit kotba. Il-kxaxen tal-gradenza mlejthom bil-ħwejjeġ u bix-xugamani kollha kuluri. Għamilt ukoll it-tapit l-aħmar fin-nofs tal-kamra. Eħħ, sa filgħaxija kont għajjien mejjet.

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Dwar xiex inhi din is-silta?
2. Semmi xi affarijiet li ssib fid-dar ta' Ġulinu.
3. Kif inhi l-kamra tiegħek? Differenti minn ta' Ġulinu?

## Taqsima 2: L-iskola

*Paġna 21*

**Il-Palazz tal-Gran Mastru**

F'Malta għal ħafna żmien kellna Gran Mastru. Il-Gran Mastru kien jikkmanda kollox. Kien jgħix f'palazz kbir fil-Belt Valletta. Dan li qed tara fl-istampa huwa l-Palazz tal-Gran Mastru. Tant hu kbir li tintilef fih. Hemm kull sala daqsiex bi twieqi kbar u madum ikkulurit. Hemm ukoll pitturi sbieħ u għamara antika. Ma jonqsux il-kurituri twal mimlija suldati tal-ħadid … dejjem għassa. F'dan il-palazz kollox ileqq daqs il-kristall. Illum hemm it-tfal tal-iskola primarja ta' Raħal Ġdid. Il-gwida qed jgħidilhom ħafna affarijiet fuq il-Palazz. It-tfal kurjużi u ħerqana jitgħallmu affarijiet ġodda.

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. X'jismu l-palazz f'din is-silta?
2. Fejn qiegħed dan il-palazz?
3. Semmi tliet affarijiet li hemm fil-palazz.
4. Inti ġieli dħalt f'dan il-palazz? Tixtieq tmur?

*Paġna 29*

**Il-ħabiba tiegħi Katrinska**

L-ikbar ħabiba ta' Nora kienet Katrinska. Kienu ilhom skola flimkien mill-kinder. Dejjem ma' xulxin. Dejjem fl-istess bank. Imma jum fost l-oħrajn, Katrinska qalet lil Nora li l-familja tagħha se tmur lura s-Serbja. Il-bniet iddispjaċihom ħafna li kienu se jinfirdu. Fl-aħħar jum tagħha tal-iskola, Katrinska ħadet lil Nora ors taċ-ċarrut b'isimha fuqu. U Nora tat lil Katrinska djarju. L-għada Katrinska kienet qiegħda fuq l-ajruplan u Nora kienet weħedha fil-klassi. Imma ftit jiem wara, l-għalliem għen lil Nora biex ikellem lil Katrinska permezz tal-internet. U tgħidx kemm paċpċu! L-għada Nora qagħdet tisma' l-mużika li bagħtitilha Katrinska mis-Serbja.

## Taqsima 3: L-annimali sħabna

*Paġna 33*

**Fis-santwarju tal-annimali**

Bonġu! Jien Karmenu. Ma naħdimx għax pensjonant u nieħu gost niġi nagħmel xi xogħol volontarju fis-santwarju tal-annimali. Innaddaf fejn joqogħdu, nixtri l-ikel, nagħtihom x'jieklu, u anki nilgħab magħhom. Bħalissa għandna ħafna klieb u qtates x'nieħdu ħsieb! In-nies jibagħtulna ħafna flus, ikel u ċraret imma mhux dejjem ikun biżżejjed. Jien nieħu gost ħafna meta tiġi familja biex tagħżel kelb jew qattus u tieħdu magħha d-dar. Ara ġej Krispin. Dan il-qattus inħobbu wisq. Sibtu fit-triq kien għadu ferħ u kienet laqtitu karozza. Ġibtu hawn mill-ewwel u ħadna ħsiebu sew. Issa tgħidx kemm sar qattus sabiħ u nebbiexi! "Mjaw" … Xi trid e? Titfissed hux, trid? Ħalli għalik int.

Ara ħa noqgħod infissdu ftit. Saħħa!

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Min qed jitkellem f'din is-silta?
2. Dwar xiex qed jitkellem?
3. Inti ġieli mort f'santwarju tal-annimali?
4. X'taf dwar l-annimali li jkun hemm fis-santwarju?

*Paġna 40*

Pinġi għalqa forma ta' rettanglu. Pinġi s-sema blu bis-sħab abjad u xemx kbira forma ta' ċirku ta' lewn isfar.
Wara pinġi żewġ siġriet biz-zokk kannella u l-weraq aħdar. Waħda mis-siġriet hija tat-tuffieħ.
Pinġi erba' fjuriet. Waħda safra, waħda vjola, oħra ħamra u oħra oranġjo. Il-fjuri għandhom żewġ werqiet ħodor kull waħda. Iii, qed tisimgħuha? Żżżżżżżż … Hemm naħla wkoll. Poġġiet fuq il-fjura l-ħamra.

*Paġna 41*

**Dakinhar li ħarab Kejlu**

*Min hu Kejlu?*
Kejlu l-amorin tgħidx kemm kien jgħanni bil-qalb. Meta jgħanni l-kuluri tiegħu jisbieħu. L-aħdar isir iktar aħdar u l-isfar isir iktar isfar. Sam u Kylie dejjem kienu jagħtuh jiekol u jixrob u minn żmien għal żmien kienu jnaddfulu l-gaġġa wkoll. Għalhekk Kejlu kien amorin kuntent.

*Fejn joqgħod?*
Kejlu kellu gaġġa kbira fejn joqgħod. Fiha kellu mera u kien viċin il-gallarija għall-arja. Kellu wkoll bieqja żgħira għall-ilma u bieqja żgħira oħra għall-iskalora. Din il-gaġġa kienet ġol-kċina. U l-kċina ta' Sam u Kylie qiegħda isfel fid-dar tagħhom il-Mosta.

*X'ġara?*
Issa darba waħda ġara li missier Sam u Kylie, meta mar biex jagħtih jiekol, nesa l-gaġġa miftuħa. Kif ra l-gaġġa miftuħa Kejlu tar 'il barra. Min jaf x'ħaseb dak il-ħin? Anke l-bieb tal-gallarija kien miftuħ u Kejlu ħarab. Malli t-tfal ġew lura mill-iskola u ma rawx lil Kejlu fil-gaġġa bkew mhux ftit. Wara nofsinhar ħarġu jduru biex jaraw jekk isibuhx għax miskin min jaf kemm kien imbeżża' waħdu. Waħħlu wkoll karti b'ritratt tiegħu u bl-indirizz tad-dar tagħhom biex jekk xi ħadd isibu jkun jaf ta' min hu. Talli jeħduhulhom kienu se jagħtu mitt ewro! Filgħaxija ħabbat il-bieb. Kien Tommy, il-ġar. Kellu gaġġa f'idu u fiha kien hemm żewġ amorini. "Naħseb dan Kejlu tagħkom," qalilhom. Ġie ħdejn Wendy tiegħi u għedt, "Dan żgur ħarab lil xi ħadd, ja mqareb li hu." "Imbagħad ftaħtlu l-bieba u daħal ħdejha."

*Paġna 44*

*Il-Merill*
ta' Alfred C. Sant

Magħruf għall-għana tiegħu
Li tidwi fuq l-irdum,
Mill-weraq jibni bejta
F'għoljiet fuq il-bastjun.

Sidru ta' lewn kaħlani
Ġwenħajh kulur iċ-ċomb.
Kull min hu Malti bħali
B'għożż ġo qalbu jżomm.

Il-Merill, Merill twitt twitt, Merill twitt twitt,
Kull filgħodu jqum ikanta.
Il-Merill, Merill twitt twitt, Merill twitt twitt,
Għasfuq żgħir li jbejjet f'Malta.

Kif jisbaħ leħnu jsemma'
Li jgħaxxaq il-widien,
U jtir mas-seba' sema
Jitpaxxa bil-ħolqien.

Irid ifittex l-ikel
Ma jmurx għand tal-ħanut,
Iżda jmur għand il-bidwi
Jeħilsu minn skoss dud.

Il-Merill, Merill twitt twitt, Merill twitt twitt,
Kull filgħodu jqum ikanta.
Il-Merill, Merill twitt twitt, Merill twitt twitt,
Għasfuq żgħir li jbejjet f'Malta.

Għalkemm il-liġi tħarsu
Minn xi kiefer traditur,
Mhux darba jew tnejn smajna
B'xi nassab jew kaċċatur …

Jixxabtu, jieħdu l-bejta
Jisirqu ċ-ċkejkna frieħ,
Dan agħar minn vandaliżmu
Li jien ħafna kontrih.

Il-Merill, Merill twitt twitt, Merill twitt twitt,
Kull filgħodu jqum ikanta.
Il-Merill, Merill twitt twitt, Merill twitt twitt,
Għasfuq żgħir li jbejjet f'Malta.

Issa li smajt il-kanzunetta x'tista' żżid jew tbiddel?

1. Il-merill jagħmel dan il-ħoss: twitt twitt. Xi ħsejjes oħra jista' jagħmel il-merill?
2. Flok filgħodu x'tista' tgħid?
3. X'jista' jagħmel minflok ikanta?
4. Tista' taħseb f'għasfur ieħor flok il-merill? Jagħmel xi ħoss? X'tista' tibdel?

## Taqsima 4: Dawra mad-dinja

*Paġna 46*

**Il-ħuta!**

Hemm ħuta f'nofs ta' baħar. Ħalq il-ħuta qisu miftuħ. Min jaf x'se tiekol? Ara ftit x'tieħu gost fl-ilma baħar! Jismu l-Baħar Mediterran. Imma din il-ħuta mhux tal-ikel! Leee, din il-ħuta hija blata kbira u fuqha hemm in-nies. Hemm ukoll djar, karozzi, ħwienet, lukandi, libreriji, ristoranti, għelieqi, teatri, fabbriki u skejjel. Biex tasal mill-ħalq sad-denb iddum inqas minn siegħa. Jekk ma ssibx traffiku! Jien noqgħod kważi f'żaqq il-ħuta — il-Mosta! Biex tmur f'pajjiż ieħor trid taqbad vapur jew ajruplan. Taf liema hu wieħed mill-eqreb pajjiżi? L-Italja.

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Dwar xiex inhi din is-silta?
2. Taf x'jisimha din il-ħuta?
3. Xi ssib fuqha din il-ħuta?
4. Inti fejn toqgħod? Jogħġbok fejn toqgħod?

*Paġna 54*

**Ġej bid-dgħajsa jew bil-gondola!**

Malta mdawra bl-ilma baħar u Venezja mibnija fuq l-ilma. Kemm f'Malta kif ukoll f'Venezja nistgħu mmorru minn naħa għal oħra fuq l-ilma. F'Malta nużaw id-dgħajsa u f'Venezja jużaw il-gondola. Dawra bil-gondola ddum xi 40 minuta imma biex taqsam mill-Birgu għall-Belt iddum xi 20 minuta biss. It-turisti jħobbuhom ħafna dawn it-tip ta' dawriet, kemm f'Malta kif ukoll f'Venezja. La d-dgħajsa f'Malta u lanqas il-gondola f'Venezja m'għadhom jintużaw wisq min-nies tal-lokal. F'Malta kulħadd juża l-karozza u f'Venezja l-vapurett.

*Paġna 57*

*Il-Banda*
ta' Joe Friġġieri, bil-mużika ta' Charles Camilleri
Tkanta Miriam Cauchi

Il-banda għaddejja papparappa,
Il-kurunetti peppereppe,
Il-klarinetti fuq quddiem,

Pipp - pirippi,
Parapppa, perepperepeppe.

Illejla
Il-festa tagħna
Kemm hawn sabiħ papparapappa,
Illejla
Ejja ħdejja
U nibqgħu hawn sa jgħaddi l-lejl.

Ara fejn sejjer papparapappa,
Mela fis-sakra pepperepeppe,
Tgħaddix minn hawn, tgħaddix minn hemm,
Pippi-pirippi,
U nibqgħu hawn sa jgħaddi l-lejl
Sa jgħaddi l-lejl,
Sa jgħaddi l-lejl.

Irfistli l-kallu, papparapappa,
Ma nistax nimxi, pepperepeppe,
Kemm int qanżħa, tgħaġġibhiex,
Pippi-pirippi,
U nibqgħu hawn sa jgħaddi l-lejl
Sa jgħaddi l-lejl,
Sa jgħaddi l-lejl.

Issa li smajt il-kanzunetta x'tista' żżid jew tbiddel?

1. Xi ħsejjes oħra tista' tagħmel il-kurunetta?
2. Xi ħsejjes oħra jistgħu jagħmlu t-tamborlini?
3. Aħseb fi kliem li jirrima ma' papparapappa.

## Taqsima 5: Ħaddiema differenti

*Paġna 58*

**Isma' l-avviż dwar ġurnata xemx tikwi.**

Nhar is-Sibt 25 ta' Lulju mistennija jintleħqu l-ogħla temperaturi tas-sena. L-ogħla temperatura għandha taqbeż il-45 grad Celsius bejn il-11.00 ta' filgħodu u t-3 ta' waranofsinhar. Ir-riħ sħun diġà qed jinħass minn issa. Temperatura bħal din ilha ma tintleħaq 5 snin. Għalhekk, jekk is-Sibt li ġej għandek bżonn toħroġ, indilek sewwa bil-krema kontra r-raġġi UV, ilbes kappell u nuċċali tax-xemx, qis li jkollok l-ilma miegħek u stkenn fid-dell jew taħt umbrella. Idealment, f'temperatura daqshekk għolja, ikun għaqli jekk tibqa' d-dar għall-frisk. Jekk għandek xi kelb, toħorġux barra f'dawn it-temperaturi kefrin!

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Meta se tkun ħafna sħana?
2. Kemm se titla' t-temperatura?
3. X'għandek tagħmel biex tipproteġi lilek innifsek mix-xemx?
4. U jekk għandek xi kelb? X'għandek tagħmel?

*Paġna 61*

**In-nani u l-iskarpan**

Jien Ġe u ħija Ġu. Aħna ż-żewġ nani li morna ngħinu l-iskarpan. U issa se ngħidilkom l-istorja kif nafuha aħna. Aħna xogħolna ngħinu n-nies fil-bżonn. Naħdmu ljieli sħaħ. Nagħmlu minn kollox. Hux vera Ġu?

"Uuuuu ħallini għax għajjien issa." Ħeqq għax ovvja, tagħmel lejl taħdem, imbagħad tkun trid torqod hux hekk? Imma jien xorta rrid ngħidilkom fuq l-iskarpan. Ma kellux flus biex jgħix iktar. Allura ma tgħinux? Bdejna mmorru billejl, waqt li jkun rieqed u nħitulu ż-żraben. Eee u aħna ninqalgħu għal kollox. Tgħidx kemm nafu nħitu, ħi. Imbagħad meta beda jbigħhom u jaqla' l-flus ma baqax fqir hux.

"Mhux ovvja Ġe!" Insomma mbagħad darba waħda morna biex inħitu bħas-soltu u rajna l-ħwejjeġ imdendlin u ż-żarbun ċkejken – kollox id-daqs tagħna. U aħna, meta xi ħadd iħallilna rigal ikun ifisser li issa m'għadx għandu bżonna iktar. Allura biddilna l-ħwejjeġ qodma li kellna, ilbisna ż-żarbun ġdid li għamlilna l-iskarpan u tlaqna ngħinu lil xi ħadd ieħor.

Issa li smajt din is-silta, iddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek fil-klassi:

1. Min huma Ġe u Ġu?
2. Lil min kienu jgħinu?
3. X'kien xogħol Ġe u Ġu?
4. X'għamlu darba waħda l-iskarpan u martu għal Ġe u Ġu?
5. Inti tafha l-ħrafa tan-nani u l-iskarpan? Irrakkuntaha lil sħabek fi kliemek.

*Paġna 63*

*Filgħodu Kmieni*
ta' John B. Dougall

Jisbaħ il-jum bid-dawl isfar tax-xemx miż-żerniq li ġie jħabbar il-jum.
Nogħrok għajnejja u nitmattar xi ftit.
Noħroġ mill-friex. Nilbes xi lbies.
Waqt li nittewweb intappan il-ħġieġ.

Niftaħ it-tieqa li għandi fil-kamra tas-sodda u nittawwal fit-triq.
Nara t-triq vojta timtela bin-nies.
Min ġa għax-xogħol. Min għall-Quddies.
Min sejjer jixtri u min diġà ġie.

Tal-Ħaxix jgħajjat u jqajjem in-nies. (Ħaxix!)
Tal-Ħalib fliexken iċekċku 'l xulxin. (Ħalib!)
Tal-ħut ġejjin, tal-ħobż qassam u mar. (Ħajjin!)
Kemm tieħu gost toħroġ kmieni mid-dar!

Tal-ħut ġejjin jgħajtu b'ħanġra daqsiex li l-ħut l'għandhom illum għadu ħaj.
Serbut ta' qtates fil-post jistennew. "Vopi w Sawrell. Tunnaġġi w Tumbrell.
Għadhom ħajjin il-Klamari w l-Qarnit."

Tal-Ħaxix jgħajjat u jqajjem in-nies. (Ħaxix!)
Tal-Ħalib fliexken iċekċku 'l xulxin. (Ħalib!)
Tal-ħut ġejjin, tal-ħobż qassam u mar. (Ħajjin!)
Kemm tieħu gost toħroġ kmieni mid-dar!

Tal-ħobż ġie tard u bil-ġenn nesa jħalli ratlejn lil Gerit tal-ħaddied.
Din wara ftit xirfet rasha mill-bieb.
"X'kien għad ma ġiex? Jew ġie, u mar?
Żgur inħarqulu, għax tgħidx kemm hu ħmar!"

Tal-Ħaxix jgħajjat u jqajjem in-nies. (Ħaxix!)
Tal-Ħalib fliexken iċekċku 'l xulxin. (Ħalib!)
Tal-ħut ġejjin, tal-ħobż qassam u mar. (Ħajjin!)
Kemm tieħu gost toħroġ kmieni mid-dar!

*Paġna 68*

Fredu: Bonġu! Kif inti?
Mikiel: L-għodwa t-tajba Fred. Mhux ħażin jien. Inti?
Fredu: Mhux ħażin, grazzi! Tard tal-linja llum!
Mikiel: Hekk hu. Ġa 10 minuti tard. Ara kemm inġabru nies.
Fredu: Mela x'ħin sar?
Mikiel: Uff! Diġà s-sebgħa u kwart.
Fredu: Ajma ħej! Kemm se nasal tard illum ix-xogħol.
Mikiel: Ħeqq, missna nibdew insuqu r-rota!
Fredu: Kieku kulħadd juża r-rota ma jkunx hawn traffiku u tal-linja tkun dejjem fil-ħin.
Mikiel: Kieku sew. Inti qed tarah jissaħħab bħali?
Fredu: U le! Fejn qed tarah is-sħab?
Mikiel: Imsemmija x-xita llum!
Fredu: Ara Mikiel, ġejja!
Mikiel: Iva, dik hi tiegħi. Il-wieħed u sebgħin.
Fredu: Agħmlilha sinjal ħa twaqqaflek!
Mikiel: Hemm hi.
Fredu: Mela narak, Mikiel. Il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.
Mikiel: Saħħa. Nispera li ma ddumx wisq tistenna.
Fredu: Ċaw. Narak għada.

*Paġna 70*

Ilbieraħ kelli ħafna x'nagħmel. Jiena Kevin il-Kuċċier. Jiġifieri dak li mmexxi ż-żiemel. Fost ħafna vjaġġi li kelli, telgħu miegħi Jake u n-nanna tiegħu Melda. Meta n-nanna ta' Jake kienet żgħira ma kinitx tuża karozza jew mutur biex tmur iddur! Kienet tuża karettun jew karozzin. Bħalm'għandi jien! Il-karozzin kienu jużawh l-aktar in-nies li ma kellhomx ħafna flus. Dan ikun imqabbad maż-żiemel u ż-żiemel jiġbed bis-saħħa kollha tiegħu! Eee, irid ikun b'saħħtu ħafna tafux, għax idum għaddej ftit mhux ħażin. Daqqa l-Belt, oħra l-Imdina … Lil Jake u n-nanna ħadthom dawra l-Belt. Jekk tħarsu sew lejn il-mappa, tistgħu tibdew timmarkaw ir-rotta li ħadna. Bdejna mill-Barrakka ta' Fuq u rajna l-Kastilja, inżilna minn Triq San Pawl, dorna fuq il-lemin għal Triq San Kristofru u waqafna ftit il-Barrakka t'isfel. Imbagħad dorna minn Triq il-Mediterran biex naraw Dar il-Mediterran. Wara bqajna sejrin lejn Forti Sant'Iermu u minn hemm ħadna d-dawra mas-swar minn Triq Marsamxett. Dħalna lura l-Belt minn Triq San Mark u dorna fuq ix-xellug għal Triq l-Ifran. Wara ftit dorna għal Triq San Kristofru fuq il-lemin u minn hemm qbadna Triq ir-Repubblika fejn waqafna ftit Pjazza San Ġorġ quddiem il-Palazz tal-Gran Mastru. X'dawra dik ħej. Inti ġieli rkibt karozzin?

*Paġna 71*

Issa fejn għamiltu l-martell? Meta nkun se nirreċta, ikolli ħafna eċitament. Jien naħdem ta' attur! Eċitanti hux? Veru veru. Nista' nagħmilha ta' ħafna nies. Ara, ġieli kont re, darb'oħra qaddej niġri bil-gabarrè, u darb'oħra kummidjant, u ġieli kont kantant … għamiltha ta' perit, ta' qassis, ta' spiżjar, kunduttur, kok u darba kont furnar. Ta' kollox ikolli nagħmilha fuq il-palk. Imma dan ix-xogħol jogħġobni ħafna. Fil-ġranet meta ma nkunx fuq il-palk, nipprattika għal sigħat twal ħafna. Imma bħal-lum inqum, mhux kmieni ħafna, u nagħmel ġirja twila, nieħu kolazzjon tajjeb … imma mhux kbir wisq. Imbagħad wara nagħmel ftit prattika tal-vuċi. Trid tismagħni għaddej — nonfoħ in-nifs 'il ġewwa u 'l barra — forsi xi darba nurik. U mbagħad niġi t-teatru, nerġa' nagħti daqqa t'għajn l-iskritt, nara li l-ħwejjeġ f'posthom u ma jdumux ma jibdew jiżbgħuli wiċċi. Bħal-lum — se nkun maġistrat illum bejnietna — anke parrokka se jlibbsuli. Ħadd mhu se jagħrafni, issa tara!